**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 22 ta' Novembru 2023**

Rikors Numru: 291/23 AL

A B C D

vs

E F G H

(M.R. Numru 1901/2000)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi l-partijiet fuq premessi żżewġu ġewwa Marino, fl-Istat ta' Aragua, f' Venezuela, fl-għaxra ta' April tas-sena elfejn u ħmistax (10/04/2015), liema kopja tal-Att taż-żwieġ jinsab hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. MGR1'.
2. Illi minn dan iż-żwieġ twieled tifel, ossia', I J C G, li twieled fl-erbgħa u għoxrin ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgħatax (24/09/2014),

detenturi tal-karta tal-identita bin-numru X, li ai termini tal-Artikoli 101 u 102 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) għandu jitqies bħala iuris et de iure bħala wild minn dejjem koncepit u mwieled fiż-żwieġ stante li ż-żewġ partijiet, ossia' genituri, irrikonoxxu lill-binhom fiċ-ċertifikat ta' twelidu, u dan in linea mal-Artikolu 87(1) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta); liema ċertifikat tat-twelid tal-iben minuri jinsab hawn anness u mmarkat bħala Dok. MGR2'.

3. Illi l-partijiet fuq premessi ilhom legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni redatt min-Nutar Gianluca Sciberras mit-tlettax (13) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020), kopja legali ta' liema kuntratt tinsab hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. MGR3, liema kuntratt ta' separazzjoni ġie ppublikat in segwitu ta' digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti bin-numru 1997/20 datat t-tmienja (08) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020), liema kopja tal-istess digriet qed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok. MGR4'.

4. Illi l-partijiet ilhom separati de facto għal numru ta' snin, preċiżament, samis-sena elfejn u dsagħtax (2019).

5. Illi m'hemm l-ebda kwistjonijiet ta' manteniment bejn il-partijiet favur wieħed jew l-oħra, stante illi skont Klawsola tnejn (2) tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni suċċitat, l-istess partijiet irrinunzjaw irrevokabbilment għad-dritt li jitolbu u/jew jirċievu manteniment mingħand xulxin.

6. Illi m'hemm l-ebda kwistjonijiet ta' manteniment bejn il-partijiet favur il-minuri stante illi l-konvenut ihallas il-manteniment mifthiehem

skont Klawsola dax (11) tal-imsemmi kuntratt taseparazzjoni suċċitat, tatliet mija u hamsin ewro (€350) fix-xahar versu l-minuri u jħalias ukoll nofs l-ispejjeż relatati mas- sahha u l-edukazzjoni tal-istess wild minuri.

7. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli għall-partijiet għar-rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom kważi tliet snin legalment separati, u erba’ snin de facto sseparati, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin.

8. Illi l-esponenti ħejjiet l-anness affidavit, mmarkat Dok. MGR5, li permezz tiegħu qed tikkonferma l-kontenut tar-rikors odjern.

9. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtiega għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Ċivili (Kap. 16 tal- Liġijiet ta' Malta)

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja d-divorzju u l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet li ġie ċċelebrat fl-għaxra ta' April tas-sena elfejn u ħmistax (10/04/2015); u

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiż-żmien imħolli għall daqshekk mill- istess Qorti javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju u l- ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi registrat fir-Registru Pubbliku.

U dan taħt kull provvediment ieħor li din l-Qorti jidhrilha li jkun xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tas-26 ta' Mejju 2023;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma prezentax risposta u ma deherx ghas-seduta.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-13 ta' Ottubru 2020 u *de facto* separati mis-sena 2019;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.